## QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
## BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum il-Ħamis, ħdax (11) ta' Lulju 2024

Kawża Nru 14/2024

**Ir-Repubblika ta' Malta**

Vs

**Abdell Raouf Mohfoudi Ali Hassan**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Abdell Raouf Mohfoudi Ali Hassan**, detentur tal-permess ta' residenza Malti numru 49044(A) talli:

- nhar is-sitta (6) ta' Jannar 2024, għall-ħabta tas-sitta u kwart (18:15hrs) ta' filgħaxija, ġewwa Ta' Dirjanu Supermarket, ġewwa Triq l-Mgarr, Għajnsielem, Għawdex:

(1) ikkommetta serq sempliċi ta' flus u/jew oġġetti, għad-detriment ta' '**Ta' Dirjanu Supermarket'** u/jew ta' **Mark Aguis** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

- nhar is-sebgħa (7) ta' Jannar 2024, għall-ħabta tas-sitta neqsin tlett minuti (17:57hrs) ta' filgħaxija, ġewwa Ta' Dirjanu Supermarket, ġewwa Triq l-Mgarr, Għajnsielem, Għawdex:

(2) ikkommetta serq sempliċi ta' flus u/jew oġġetti, għad-detriment ta' '**Ta' Dirjanu Supermarket'** u/jew ta' **Mark Aguis** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

- nhar it-tmintax (18) ta' Marzu 2024, il-ħinijiet tas-sebgħa (19:00hrs) u id-disgħa (21:00) ta' filgħaxija, ġewwa Ta' Dirjanu Supermarket, ġewwa Triq l-Mgarr, Għajnsielem, Għawdex:

(3) ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-**ħin** u bil-**valur**, liema valur tal-ħaġa misruqa huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin centezmu (€2,329.37) u

dan sar għad-detriment ta’ ‘**Ta’ Dirjanu Supermarket’** u/jew ta’ **Mark Aguis** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

- nhar it-tmintax (18) ta Marzu 2024 għall-ħabta tat-tmienja u nofs (20:30hrs) ta’ filgħaxija, ġewwa Triq il-Baħħara, Għajnsielem, Għawdex u/jew fi bnadi oħra f’dawn il-Gżejjer:

(4) mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta’ **Mark Agius** u **Anthony Schembri** f’perikolu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tal-istess **Mark Agius** u **Anthony Schembri**, u ċioe’ offiża ta’ natura ħafifa hekk kif iċċertifika Dr Clyde Baldacchino Med. Reg. 6600 mill-Isptar Ġenerali ta Għawdex;

- fl-istess fl-istess data, lok u ċirkostanzi hawn qabel imsemmija, kiser il-provedimanti tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-liġijiet ta Malta, billi ikkommetta reat waqt li kien taħt ordni għal-liberazzjoni ikkundizzjonata, liema sentenza ingħatat mill-Qorti tal- Magistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dott. Lara Lanfranco, LL.D nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta’ Ottubru 2023, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba li f’każ ta’ ħtija titratta mal-imputat Abdell Raouf Mohfoudi Ali Hassan bħala reċediv ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta wara li kien misjub ħati mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjoni tal-artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-partijiet leżi.

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Uffiċċjali Prosekuturi Dr Tilden Tabone għall-Avukat Ġenerali u l-Ispettur Keith Xerri għall-Kummissarju tal-Pulizija;

Semgħet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni;

Rat li fis-seduta tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju 2024 l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' din l-ammissjoni l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-

konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u tatu żmien xieraq sabiex jerġa' jikkunsidra mill-ġdid l-ammissjoni tiegħu;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Rat li ma teżisti l-ebda raġuni tajba in linea ma' dak stabbilit fl-artikolu 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita jekk ir-reati ġewx tassew magħmula jew tiddubita jekk l-akkużat hux ħati tar-reati addebitati lilu;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiża jittrattaw fuq il-piena;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar it-tmintax (18) ta' Marzu 2024, il-Pulizija ġew infurmati li xi nies kienu abbandunaw *trolley* kollu ikel fi Triq il-Baħħara, Għajnsielem, Għawdex. Il-Pulizija marru fuq il-post u sabu t-*trolley* waħdu. Minn verifiki li saru mal-eqreb supermarket fl-akkwati li kien Ta' Dirjanu Supermarket ġie stabbilit li dan it-*trolley* kien insteraq mingħandhom. Mill-cameras tas-sigurta tal-istess ħanut ġie innutat li dan it-*trolley* kienet ittieħed minn raġel waħdu. Id-diriġent tas-supermarket Mark Agius flimkien ma' impjegat tiegħu Anton Schembri marru fuq il-post biex jiġbru t-*trolley* tal-ikel. Waqt li kienu fuq il-post innutaw persuna li kienet liebsa l-istess ħwejjeġ bħal persuna li dehret qed tieħu t-*trolley* tal-ikel u infurmaw lill-Pulizija b'dan. Huma avviċinaw

lil din il-persuna u infurmawh li kienu ġejjin il-Pulizija. Sakemm pero waslu l-Pulziija, din il-persuna aggrediet lil Mark Agius u Anton Schembri u ikkaġunatilhom feriti ta' natura ħafifa. Il-persuna li allegatament kien ħa t-*trolley* ġie identifikat bħala Abdel Raouf Mohfoudi Ali Hassan. Dan eventwalment ġie arrestat. Id-diriġenti ta' Ta' Dirjanu Supermarket infurmaw lill-Pulizija li dan ma kinitx l-ewwel serqa li wettaq din il-persuna is-supermarket tagħhom. Kien seraq f'okkażżjonijiet preċedenti. Huma pero ma kinux għamlu rapport mal-Pulizija peress li kienu qabduh u kienu qegħdin jippruvaw jaslu miegħu biex iħallas l-affarijiet li kien ħa. Pero huwa ma kien ħallas xejn. Wara li ikkonkludew l-investigazzjoni tagħhom, il-Pulizija u l-Avukat Ġenerali bdew il-proċeduri odjerni kontra l-akkużat.

Ikkunsidrat:

In vista tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-akkużat, il-Qorti m'għandhiex triq oħra għajr li issib lil-akkużat ħati tal-akkużi kollha li ġew miġjuba fil-konfront tiegħu.

Għalkemm l-akkużat ammetta l-akkużi fil-konfront tiegħu, il-Qorti tinnota li dan ma sarx fi stadju bikri tal-proċeduri. Infatti din l-ammissjoni ġiet reġistrata fi stadju meta l-Prosekuzzjoni kienet ġia ressqet il-provi kollha tagħha. Apparti minn hekk tali ammissjoni ġiet reġistrata fil-kors tat-tielet seduta li kienet ġiet skedata għall-provi tad-difiża. Dan wara li l-ewwel żewġ seduti skedati għall-provi difiża ġew

moħlija mill-istess akkużat għax la ra li jkun legalment assistit għal dawn is-seduti u lanqas ressaq provi.

Jiġi rilevat wkoll li l-akkużat ammetta li huwa kien effettivament wettaq tlett (3) serqiet mill-istess ħanut u dan bejn Jannar u Marzu ta' din is-sena. Fl-aħħar serqa li huwa wettaq, wara li kien inqabad mill-cameras tas-sigurta tal-ħanut u ġie affaċċjat minn sid l-istess supermarket u impjegat tiegħu, huwa saħansitra għamel għalihom u ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna tagħhom.

Din il-Qorti tinnota li din ma kinitx l-ewwel darba li l-akkużat xilef difru mal-ġustizzja. Infatti huwa ġia kien instab ħati ta' reati oħra hekk kif jirriżulta mill-fedina penali tiegħu kif wkoll mis-sentenzi li ġew esebiti u li għaddew in ġudikat.[1] Żgur għalhekk li l-akkużat ma jistax jitqies li huwa *a first time offender*. Jidher wkoll li huwa qabad it-triq tal-kriminalita u minkejja li ingħata diversi opportunitajiet biex jirriforma ruħu, huwa għażel li jkompli f'tali triq.

Tenut kont il-fattispeċie tal-każ odjern kif wkoll il-fatt li l-akkużat għażel li jibqa' jippersisti fl-aġir kriminali tiegħu, din il-Qorti ma tistax titratta mal-akkużat b'mod leġġer. Tqis li fiċ-ċirkostanzi l-piena idonea għandha tkun piena karċerarja effettiva. Forsi b'hekk l-akkużat finalment

[1] Ara Dokumenti MD 1 (fol. 187 et seq); Dokument MD 2 (fol. 190 et seq); Dok MD 3 (Fol. 200 et seq); Dokument MD 4 (Fol. 210 et seq); Dokument MD 5 (Fol. 220 et seq).

jitgħallem mill-iżbalji tiegħu u jdaħħalha f'moħħu li *"crime does not pay"*.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 18, 49, 50, 214, 215, 221, 261(c)(f), 267, 270, 279(a), 280(1), 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif wkoll l-artikoli 22 u 23(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tiegħu stess, qiegħda issib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha dedotti fil-konfront tiegħu u qiegħda tikkundannah **<u>għall-piena ta' għaxar (10) xhur ħabs effettivi</u>**. Minn dan it-terminu ta' ħabs li qiegħed jiġi impost, għandu jitnaqqas it-terminu li l-ħati għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ.

Wara li rat l-artikolu 15A tal-Kap. 9, il-Qorti qiegħda tordna lill-ħati sabiex fi żmien tlett xhur minn meta jiskonta s-sentenza ta' ħabs imposta b'din is-sentenza iħallas lil Ta' Dirjanu Supermarket u/jew Mark Agius l-ammont komplessiv ta' **<u>seba' mija u tnejn u tmenin ewro u ħdax -il ċenteżmiu (€782.11)[2]</u>** rappreżentanti l-valur tal-affarijiet li huwa seraq u li baqgħu ma inġabrux lura mill-parte civile. Din l-ordni għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta'

---

[2] Ammonti li insterqu kienu: € 679.86 (Dok JA 1 a fol. 109) + € 354 (Dok. JA 2 a fol. 110) + € 174 (Dok JA 4 a fol. 112) għal total ta' € 1,207.86. Il-parte civile rnexxielhom jiġbru lura l-ammont ta' € 425.75 fi prodotti (Ara Credit Note Dokument JA 3 a fol 111). Għalhekk għadu dovut lill-parte civile € 1,207.86 - € 425.75 = **<u>€ 782.11.</u>**

Malta bħal li kieku kienet sentenza mogħtija minn Qorti jew Tribunal Ċivili kompetenti.

Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-ħati sabiex iħallas l-ammont ta' **erba' mija u tmintax -il ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€ 418.76)** rappreżentanti l-ispejjeż peritali inkorsi[3] f'dawn il-proċeduri u dan fi żmien sitt (6) xhur minn meta huwa jiskonta s-sentenza ta' ħabs li ġiet imposta b'din is-sentenza.

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Mark Agius u Anthony Schembri kif ukoll sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku qiegħda torbot lill-ħati taħt obbligazzjoni tiegħu innifsu għal perjodu ta' sena, liema perijodu għandu jibda jiddekorri wara li l-ħati jkun skonta s-sentenza ta' ħabs imposta illum, u dan taħt penali ta' elf ewro (€ 1,000).

(ft) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft) Joseph Grech
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Ghar-Reġistratur

[3] Jonathan Mizzi - € 418.76 (Fol. 261 tal-proċess).